IR-RABAT

# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 12

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 10 ta' Diċembru 2013 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 10**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru G10 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. *Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 10*

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 10** *Punti li joħorġu mill-Minuti G 10*

2.01 Ma hemm l-ebda punti li joħorġu mil-laqgħa G10

**3.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 11**

3.01 Il-minuti tas-seduta nru G11 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. *Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 11*

## 4.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 11

Punti li joħorġu mill-Minuti G 11

4.01 3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dan ir-resident kien qiegħed jitlob ukoll bidla fid-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq Ħad-Dingli u Triq iż-Żgħar.

Wara diskussjoni li saret il-Kunsill ma laqax din it-talba.

Talba għall-bidla fid-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq San Publiju u Triq il-Konti Ruġġieru.

4.04 3.03 Il-Kunsillier Paul Grech ippreżenta l-lista tat-toroq li fihom hemm problema tal-ħamiem. Huwa qal li din il-lista kienet ser tiġi ppreżentata lis-Segretarjat Parlamentari tal-Agrikoltura, Sajd u Ħarsien tal-Annimali. It-toroq huma: Triq l-Isptar u l-isqaqien ta' magħha, Triq il-Kbira u l-isqaqien ta' magħha, Pjazza San Duminku, Triq Santu Wistin, Vjal Santu Wistin, Triq ir-Repubblika u Triq San Franġisk.

Petizzjoni rigward ammont kbir ta' ħamiem

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa 7.25 ta' filgħaxija

4.05 14.01 Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ppropioniet li l-Kunsillier Rudolph Grima jinħatar membru fil-bord. Is-Sindku Charles Azzopardi, issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Memo 25/2013-Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2013 - 2014

4.06 18.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ittra lil Transport Malta kienet intbagħtet iżda l-Kunsill kien għadu ma rċieva l-ebda risposta.

Xogħlijiet mhux kompluti minn TM

4.07 18.02 Il-Kunsillier Ian Vassallo informa l-laqgħa li huwa kien avviċinat mill-Aġenzija Żgħażagħ, fejn infurmawh li kienu tawlu d-*deadline* u għaldaqstant il-Kunsill għadu fiċ-ċans li japplika għall-Kunsill taż-Żgħażagħ. Huwa qal li wieħed mill-għanijiet ta' dan il-Kunsill taż-Żgħażagħ huwa li kull Kunsill iħejji proġett u jekk jiġi magħżul, l-aġenzija tagħti sa massimu ta' €3000 sabiex l-proġett jitwettaq, li minnhom 20% jridu jitħallsu mill-Kunsill Lokali.

Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li jitwaqqaf dan il-Kunsill u li wieħed mill-membri jkun is-Sur Luke Vella li kien wera interess fil-ħatra għal Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda dawn il-proposti. Il-Kunsill qabel unanimament.

Proposta għall-Kunsill taż-żgħażagħ

## 5.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza

5.01 Is-Sindku Charles Azzopardi infroma l-laqgha li t-*tenders* tal-Proġett Miżura 313 – *Encouragement of Tourism Activities* kienu nfetħu u li dawn kienu ammontaw iżjed mill-*budget* allokat għall-proġett. Wara diskussjoni li saret, ġie deċiż li ssir laqgħa urġenti mal-*Paying Agency* u mal-Fondazzjoni Majjistral.

*Tenders* tal-proġett Miżura 313 – *Encouragement of Tourism Activities*

5.02 Is-Sindku informa l-laqgħa li skont kif tipprovdi l-liġi tal-Kunsilli Lokali fi ftit tal-ġimgħat oħra trid issir il-laqgħa annwali tal-lokalità. Huwa ppropona li l-laqgħa ssir fl-aħħar ġimgħa ta' Jannar 2014. Il-Viċi Sindku ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Laqgħa annwali tal-Lokalità

5.03 Is-Sindku ppreżenta talba mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Orietta Masini Cardona fejn qed titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex titrasferixxi l-bilanċ ta' 45 siegħa *f'vacation leave* li fadlilha għas-sena 2013 u jiġu trasferiti għas-sena 2014. Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li t-talba tiġi approvata. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill approva unanimament.

Tiġdid ta' *Vacation Leave* tas-SE

5.04 Is-Sindku ferraħ lil Viċi Sindku, f'isem il-Kunsilliera u l-amministrazzjoni tal-Kunsill fl-okkażjoni tal-gradwazzjoni tagħha.

Awguri lil Viċi Sindku

**6.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien reġa wasal iż-żmien biex il-Kunsill iġedded l-iskema tas-saħħa għall-impjegati u għall-membri tal-Kunsill għas-sena 2014. Il-*premium* għal kull persuna inxurjata huwa ta €53. Il-Kunsillier Rudolph Grima ppropona li l-polza tiġi mġedda. Is-Sindku Charles Azzopardi ssekonda din l-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Tiġdid tal-iskema tas-saħħa

6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien reġa' wasal iż-żmien biex il-Kunsill iħallas il-miżata tal-*Performing Right Society* għas-sena 2014. Il-ħlas huwa ta' €20. Is-Sindku ppropona li l-miżata titħallas għal sena oħra. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħlas tal-*Performing Right Society*

6.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien reġa' wasal iż-żmien biex il-Kunsill iġedded il-polza tal-assikurazzjoni tal-flus għas-sena 2014. Il-*premium* huwa ta' €63. Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-polza tiġi mġedda. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

Tiġdid tal-polza tal-assikurazzjoni tal-flus 2014

6.04 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 228 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

L-iskeda tal-ħlasijiet numru 228

**7.00 Korrispondenza**

7.01 B'referenza għall-korrispondenza nru **50/1830/13,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva notifikazzjoni mingħand il-kumpanija *Green MT,* fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-kumpanija ma kinitx ser tibqa' toffri s-servizz ta' ġbir tal-iskart riċiklabbli fil-lokalità wara l-21 ta' Jannar 2014.

Is-Sindku qal li huwa kien diġà beda t-taħditiet mal-kumpanija *GreenPak.*

Notifikazzjoni ta' twaqqif tas-servizz mill-kumpanija *Green MT*

7.02 B'referenza għall-korrispondenza nru **50/1600/13,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva tweġiba mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, fejn il-Kunsill ġie infurmat li ma jsibu l-ebda oġġezzjoni sabiex ir-residenti ta' *Old Żebbuġ Road* iqabbdu mal-fossa, però x-xogħol irid isir min-naħa tar-resident.

Il-Kunsill saħaq li din hija spiża kbira għar-residenti u għalhekk ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra lura fejn il-Kunsill jitlob li dan ix-xogħol isir mill-Korporazzjoni.

Tweġiba mill-WSC dwar il-fossa ta' *Old Żebbuġ Road*

7.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1746/13**, is-Sindku informa l-laqgħa,li l-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Prinċipal taċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat, li fiha informa lill-Kunsill li x-xogħlijiet fuq iċ-ċentru tas-saħħa kienu waslu fi stadju li jaqtgħu d-dawl li jissupplixxi l-funtana tal-pjazza, kif ukoll il-*lift* taċ-

Qtugħ ta' dawl tal-*lift* taċ-Ċentru Ċiviku u l-funtana tal-Pjazza

Ċentru Ċiviku. Il-Kunsillier Paul Grech informa l-laqgħa li huwa kien qiegħed jikkomunika mal-Inġinier Martin Micallef tal-Enemalta dwar din il-kwistjoni.

7.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1717/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza fuq arblu fiż-żona taċ-*Chadwick Lakes*. Installazzjoni ta' bozza fiż-żona taċ-*Chadwick Lakes*

Il-Kunsillier Paul Grech ippropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill approva.

** **F'dan l-istadju tal-laqgħa, il-Kunsill qabel li jirrisolvi fi stadju ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti (hekk kif maħtur f'seduta G02), wara diversi tentattivi sabiex dan il-Bord jiltaqa' ma mmaterjalizzawx**.

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa għas-servizz tat-Tbattil u Tindif ta' *litter bins*, *dog bins* u *ashtrays* (RLC/T/133/13)

Intefgħu tmien offerti hekk kif ġej:

| | **Isem** | ***Litter Bins* Ewro** | ***Dog Bins* Ewro** | ***Ash Trays* Ewro** |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Brian Caruana | €5517.60 *yearly* | €480.00 *yearly* | *Free* |
| 2 | Noel Xuereb | €4950.00 *yearly*<br>€0.13c *per extra bin* | *Free* | *Free* |
| 3 | W.M. Environmental Ltd | €4300.00 *yearly* | *Free* | *Free* |
| 4 | Anthony Formosa | €82.07 *per* 101 *bins*<br>€1.00 *per extra emptying*<br>€0.50c *per extra cleaning* | €4.06 *per* 5 *bins*<br>€1.00 *per extra emptying*<br>€1.00 *per extra cleaning* | *Free* |
| 5 | Chris Gatt | €32.32 *per* 101 *bins*<br>€0.32c *per extra emptying* | €1.60 *per* 5 *bins*<br>€0.32 *per extra emptying* | €3.20 *per* 10 *ashtrays*<br>€0.32 *per extra emptying* |
| 6 | Charles Sant | €3969.34 *yearly*<br>€39.00 *yearly extra bins*<br>€20.00 *yearly extra cleaning* | €196.00 *yearly*<br>€39.00 *yearly extra emptying*<br>€20.00 *yearly extra* | €393.00 *yearly*<br>€39.30 *yearly extra emptying*<br>€20.00 *yearly extra cleaning* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | *cleaning* | |
| 7 | Frankie Mifsud | €16.235 *yearly*<br><br>€0.80c *extra emptying*<br><br>€0.50c *extra cleaning* | €195.00 *yearly*<br><br>€0.80c *extra emptying*<br><br>€0.50c *extra cleaning* | €245.00 *yearly*<br><br>€0.80c *extra emptying*<br><br>€0.50c *extra cleaning* |
| 8 | Owen Borg | €5151.00 *yearly*<br><br>€4.25*extra emptying & cleaning* | €255.00 *yearly*<br><br>€4.25 *extra emptying & cleaning* | €510.00 *yearly*<br><br>€4.25 *extra emptying & cleaning* |

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent Charles Sant peress li kienet l-aktar offerta vantaġġuża .

Il-Bord evalwa l-kwotazzjoni mitfugħa għal *Online Streaming* tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali - RLC/Q/0083/13

Intefgħu erbgħa offerti hekk kif ġej:

| | **Isem** | **Rata Ewro** |
|---|---|---|
| 1 | Ludwig Camilleri/<br>*AID LTD* | €5418.10<br>(*Maintenance Agreement Included)* |
| 2 | Joe Mallia/<br>*CORRECT TERMINATION LTD* | €4897<br><br>€590.00 *(Optional Maintenance Agreement)* |
| 3 | Gordon Grech | €4950<br>*(Maintenance Agreement Included)* |
| 4 | Sarah Gusman/<br>*SMART TECHNOLOGIES LTD* | €1900.98 *(Hardware & Installation)*<br><br>€708.00 *(Live Streaming from 2 years onwards*<br><br>€177.00 (*Maintenance Agreement)* |

Il-Bord evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent Joe Mallia/*Correct Termination Ltd* peress li din kienet l-unika kwotazzjoni li laħqet il-kriterji kollha mitluba.

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa għas-servizz ta' Koordinatur ta' Proġett u Konsulent Tekninku (perit) għall-proġett "Rinnovazzjoni tal-faċilitajiet ta' rikreazzjoni fil-lokalità rurali tar-Rabat - RLC/T/132/13

Intefgħu erbgħa offerti hekk kif ġej:

| | **Isem** | **Rata Ewro** |
|---|---|---|
| 1 | Med Design Associates Ltd | €11,500 |
| 2 | Perit Christopher Mintoff | €18,880 |
| 3 | Perit Robert Sant | €17,000 |
| 4 | Perit Mariello Spiteri | €29,999 |

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent Med Design peress li hi l-irħas offerta mitfugħa.

**F'dan il-ħin intemmet il-ħidma tal-Bord u għaldaqstant is-seduta rritornat fi stadju ta' Kunsill u kompliet b'*item* nru 8 tal-aġenda.**

**8.00 Għażla tal-offerta tat-tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins* u *ash trays* - RLC/T/133/13**

8.01 Il-Kunsillier Paul Grech ippropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-offerta tat-tbattil u tindif tal-*litter bins*, *dog bins* u *ash trays*, lill-offerent Charles Sant peress li kienet l-aktar offerta vantaġġjuża. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla tal-offerta tat-tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins* u *ashtrays* - RLC/T/133/13

**9.00 Għażla tal-kwotazzjoni għal *Online Streaming* tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali - RLC/Q/0083/13**

9.01 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-kwotazzjoni għal *Online Streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali, lill-offerent Joe Mallia/*Correct Termination Ltd* peress li din kienet l-unika kwotazzjoni li laħħqet il-kriterji kollha mitluba. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla tal-kwotazzjoni għal *Online Streaming* tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali-RLC/Q/0083/13

**10.00 Għażla tal-offerta għal servizz ta' Koordinatur ta' Proġett u Konsulent Tekninku (perit) għall-proġett "Rinnovazzjoni tal-faċilitajiet ta' rikreazzjoni fil-lokalità rurali tar-Rabat - RLC/T/132/13**

10.01 Is-Sindku ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-offerta għal servizz ta' Koordinatur tal-Proġett u Konsulent Tekniku (perit) għall-proġett

Għażla tal-offerta għal servizz ta'

"Rinnovazzjoni tal-faċilitajiet ta' rikreazzjoni fil-lokalità rurali tar-Rabat" lill-offerent Med Design Associates Ltd peress li hija l-irħas offerta mitfugħa. Issekondat din il-mozzjoni l-Viċi Sindku, Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

Koordinatur ta' Proġett u Konsulent Tekninku (perit) għall-proġett "Rinnovazzjoni tal-faċilitajiet ta' rikreazzjoni fil-lokalità rurali tar-Rabat - RLC/T/132/13

**11.00 Tiġdid tal-offerta għall-ġbir ta' Skart Domestiku - RLC/T/0093/10**

11.01 Is-Sindku Charles Azzopardi, ressaq l-offerta RLC/T/0093/10, għall-ġbir ta' skart domestiku sabiex tiġi mġedda għal-sena oħra.

Il-Kunsill qabel unanimamnet li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għall-ġbir ta' Skart Domestiku - RLC/T/0093/10

**12.00 Tiġdid tal-offerta għall-ġbir ta' Skart Goff - RLC/T/0094/10**

12.01 Is-Sindku Charles Azzopardi, ressaq l-offerta RLC/T/0094/10, għall-ġbir ta' skart goff sabiex tiġi mġedda għal-sena oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għall-ġbir ta' Skart Goff- RLC/T/0094/10

**13.00 Approvazzjoni tal-programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (Jannar - Ġunju 2014)**

13.01 Is-Sindku ppreżenta l-programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani għall-perjodu bejn Jannar - Ġunju 2014 li ħejjiet il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Huwa talab lill-Viċi Sindku biex tagħti spjegazzjoni aktar fid-dettall tal-programm. Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li l-Kunsill japprova l-programm. Issekonda din l-proposta l-Kunsilllier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

Programm tal-ħarġiet għall-Anzjani

**14.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduta numru A35**

14.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-KA tal-Baħrija A35 jittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi Sindku ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Baħrija A35

**15.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru A36**

15.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtù A36 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Virtù A36

**16.00 Materji Oħra**

16.01 Il-Kunsillier Stephen Borg qal li kemm fi Triq Tabija kif ukoll fi Triq it-Tiġrija hemm *manhole* li sfrundat u huma perikolużi għas-sewwieqa.

*Manhole* perikoluża fi Triq Tabija u Triq it-Tiġrija

16.02 Il-Kunsillier Stephen Borg saħaq li hemm bżonn li l-Kunsill jagħmel pressjoni dwar il-problema tal-*coaches* ħdejn ir-Roman Villa, għaliex min-naħa ta' TM kien għadu ma sar xejn.

Problema tal-*coaches* ħdejn ir-*Roman Villa*

| | | |
|---|---|---|
| 16.03 | Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li ssir laqgħa mas-sidien tal-ħwienet u n-negozji tar-Rabat, sabiex il-Kunsill jara x'inhuma l-bżonnijiet tagħhom u fiex jista' jkun ta' għajnuna għalihom. | Laqgħa mas-sidien tal-ħwienet u n-negozji tar-Rabat |
| 16.04 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li fi Triq Ħad-Dingli ħdejn id-*Dingli Butcher* hemm bankina u sprall imkissrin. | Bankina u sprall imkissrin fi Triq Ħad-Dingli |
| 16.05 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li fi Triq il-Katakombi ħdejn il-J&J hemm żewġ ħofriet kbar. | Ħofor fi Triq il-Katakombi |
| 16.06 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li fi Triq San Piju V, fil-parti d-dejqa hemm żewġ ħofriet kbar. | Ħofor fi Triq San Piju V |
| 16.07 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li fi Triq Ħal-Tartarni l-isfel mill-*bring-in-sites* qiegħed jintrema ħafna skart. Huwa talab li titwaħħal tabella tal-iskart. | Twaħħil ta' tabella tal-iskart fi Triq Ħal-Tartarni |
| 16.08 | Il-Kunsillier Nazju Cassar informa l-laqgħa li s-siġra fuq il-gallarija tal-Palju fi Triq it-Tiġrija kienet reġgħet kibret. Huwa qal li din għandha tinqala mill-għeruq u mhux tinżabar biss. | Siġra fuq il-gallarija tal-Palju fi Triq it-Tiġrija |
| 16.09 | Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jingħataw sitt jardi konkos ġo Wied iż-Żebbuġ. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Konkos f'Wied iż-Żebbuġ |
| ** | Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jiġi skużat fid-9.27 pm | |
| 16.10 | Il-Viċi Sindku Doris Coleiro infurmat il-laqgħa li kienet irċeviet talba mingħand resident minn Triq it-Torri fejn qed jitlob sabiex ibaxxi l-parti mill-bankina li tiġi quddiem il-garaxx tiegħu. Hija qalet l-ispejjeż ser iħallashom ir-resident. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba. | Talba mingħand resident fi Triq it-Torri |
| 16.11 | Il-Kunsillier Paul Grech talab li jsir żbir ta' siġra li tinsab fi Triq Ġużeppi Caruana, Tal-Virtù. | Żbir ta' Siġra fi Triq Ġużeppi Caruana |
| 16.12 | Il-Kunsillier Andrew Mallia informa l-laqgħa li wara diskussjonijiet li għamel mas-surmast tal-iskola primarja kien intlaħaq ftehim sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel użu mill-iskola għal-lezzjonijiet tal-*Life Long Learning*. Huwa qal li l-użu tal-iskola ser jingħata lill-Kunsill bla ħlas, tliet darbiet fil-ġimgħa però l-Kunsill qed jintalab li jqabbad *security* waqt il-ħin tal-lezzjonijiet. | Użu tal-iskola Primarja |
| 16.13 | Il-Kunsillier Andrew Mallia informa l-laqgħa li l-istudenti tal-MCAST offrew li jeżebixxu r-ritratti tal-proġett tagħhom fl-attività kulturali li ser tittella' l-Kunsill f'Mejju li ġej. | Esibizzjoni ta' rittratti mill-istudenti tal-MCAST |
| 16.14 | Il-Kunsillier Andrew Mallia talab biex isiru *dog bins* ġol-*Housing Estate* tan-Nigret ħdejn is-*Sims*. | Talba għal *Dog Bins* |
| 16.15 | Il-Kunsillier Andrew Mallia saħaq dwar il-bżonn li l-Kunsill jibda jaħdem sabiex jinstab post alternattiv għall-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill u dan minħabba li l-post eżistenti tal-Kunsill mhux aċċessibbli. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jibda jfittex biċċa art tal-gvern sabiex issir talba għad-devoluzzjoni tagħha. | Post alternattiv għal uffiċini amministrattivi tal-Kunsill |
| **17.00** | **Data tas-seduta li jmiss** | |
| 17.01 | Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 7 ta' Jannar fis-7.00 ta' filgħaxija. | Aġġornament |

17.02 Il-laqgħa ntemmet fl-9.40 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta............................ ...7......... ta'.Jannar.......................... 2014

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**